MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru 295/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**vs**

**George Farrugia**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat George Farrugia ta’ 55 sena, iben Anthony u Rose nee’ Saliba, imwieled Hal Qormi nhar l-20 ta’ Ottubru 1952 u residenti Casa Farrugia, Triq Paul Debono, Zebbug, Malta u residenti Casa Farrugia, Triq Paul Debono, Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 798652 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar it-28 ta’ Settembru 2007, ghall-habta tal-17:20hrs, gewwa Triq Tas-Sliema, Gzira, volontarjament hassar, jew gharraq jew ikkaguna hsara lill-propjeta privata, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal mija u sitta u tmenin ewro u hamsa u tletin centezmi ta’ l-ewro (€186.34 jew Lm80) u cioe’ mhux iktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), liema hsara saret ghad-dannu ta’ Natalina Abela mill-Marsa, fuq il-vettura taghha li hi ta’ l-ghamla Skoda bin-numru tar-registrazzjoni NAT723 u dana bi ksur ta’ l-artikolu 325 1(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u paci pubblika b’ ghajjat u glied u dana ai terminu ta’ l-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b’ xi mod iehor offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor ingurji jew hedded jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’ mod li hareg ‘il barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal Marion Cachia minn Pembroke sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna minghajr ma darab.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap.9.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 03 ta’ April 2008 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta' April, 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat lil parti civile Marion Cachia li ghan-nom ta' ohta Natalina Abela qed tirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfronti ta' l-imputat u qed taghzel li ma tixhidx stante li tista' tinkrimina ruhha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuzi.

Stante r-rinunzja da parte tal-parte civile, tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda r-raba' (4) u l-hames (5) akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------